Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,124, 3 ta' Ottubru, 2023
Taqsima B

A.L. 227 tal-2023

ATT DWAR IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI (KAP. 601)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 601.03.

Jemenda l-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-partita "Awtorità tad-Djar" għandhom jiġu miżjuda dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

"• Enemalta plc

• Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma".